



Dokument ta' sessjoni

B9-0112/2021

31.1.2021

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar projbizzjoni fuq l-interferenza minn kumpaniji kbar tat-teknoloġija fil-kultura tad-dibattiti parlamentari

Christine Anderson, Harald Vilimsky, Roman Haider

Mozzjoni għal risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar projbizzjoni fuq l-interferenza minn kumpaniji kbar tat-teknoloġija fil-kultura tad-dibattiti parlamentari

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu;
- A. billi d-diskorsi tal-membri parlamentari nazzjonali u tal-Membri tal-Parlament Ewropew huma bla dubju parti fundamentali tad-demokrazija parlamentari u tat-teħid ta' deċiżjonijiet;
- B. billi l-kumpaniji kbar tat-teknoloġija bħal Facebook, Twitter u YouTube għandhom pożizzjoni dominanti fis-suq;
- C. billi YouTube ħassar id-diskorsi tal-plenarja minn politiċi tal-oppożizzjoni¹;
- 1. Jikkundanna dan l-att ta' ċensura u fl-istess ħin jirrimarka li dawn l-azzjonijiet jikkostitwixxu restrizzjoni fuq l-eżerċitar tal-mandat liberu;
- 2. Iwissi li d-demokrazija m'għandhiex titqiegħed f'idejn kumpaniji li jisfruttaw il-pożizzjoni dominanti tagħhom;
- 3. Jenfasizza li mhuwiex komputu tal-pjattaformi diġitali li jiddefinixxu l-limiti tal-libertà tal-espressjoni;
- 4. Jagħmilha ċara li l-kumpaniji kbar tat-teknoloġija m'għandhomx id-dritt li jiddeterminaw x'tip ta' diskors isir;
- 5. Jenfasizza li, anke fl-interessi tal-libertà tal-espressjoni u l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, id-diskorsi tal-plenarja m'għandhomx jitħassru b'mod selettiv mill-kumpaniji kbar tat-teknoloġija, u b'mod partikolari meta dawn id-diskorsi ma jkunux ġew ikkontestati mill-President tas-sessjoni plenarja;
- 6. Jistieden lill-kumitat responsabbli jfassal rapport dwar tali azzjonijiet ta' ċensura, li jinkludi proposti dwar sanzjonijiet possibbli kontra kumpaniji kbar tat-teknoloġija li jiċċensuraw diskorsi tas-sessjoni plenarja;
- 7. Jitlob, barra minn hekk, li l-Artikolu 83(1)(2) tat-TFUE jiġi estiż biex jinkludi l-att kriminali ta' "ċensura tad-diskorsi tas-sessjoni plenarja".

¹ https://www.ots.at/presseaussendung/OTS_20210114_OT0069/fpoe-fuerst-youtube-loeschte-gestrigeparlamentsrede-von-klubobmann-kickl